**25 ta' Novembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Saliba

**Impjegat — Liċenzjament — "Learner" — Pre-avviż — Art. 25 u 30 tal-Att XI tal-1952.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li timponi lill-prinċipal l-obligu li jagħti pre-avviż lill-impjegat fil-każi previsti mill-istess liġi meta jkun irid jilliċenzjah, tapplika wkoll fil-każ meta si tratta minn "learner" li jispiċċa minn "learner" u jibda mpjeg ġdid.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Joseph Saliba quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fuq talba tad-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali, talli f'dawn il-Gżejjer, fit-18 ta' Marzu 1961 u qabel, (a) naqas li jħallas l-anqas rimunerazzjoni lil Joseph Pace, li kien impjegat miegħu bħala mastrudaxxa, fl-aħħar ġimgħatejn tal-impieg tiegħu sat-18 ta' Marzu 1961; (b) illiċenzja lil Joseph Pace, li kien impjegat miegħu għal iżjed minn sentejn, mingħajr ma taħ iż-żmien li kien jonqos ta' ġimgħatejn ta' pre-avviż, li huwa kien intitolat għalieh u naqas li jħallas lill-imsemmi Joseph

Pace s-somma ta' £9. 10. 0d dovuta lilu rigward iż-żmien imsemmi li kien jonqos tal-avviż; bit-talba li l-Qorti tordna lill-imsemmi Joseph Saliba biex iħallas lill-imsemmi Joseph Pace l-ammont ta' £4. 14. 0d, li jirrappreżenta d-differenza tal-pagi attwalment imħallsin lilu u dawk stabbiliti bil-liġi matul l-aħħar ġimgħatejn tal-impjeg, sat-18 ta' Marzu 1961, u l-ammont ta' £9. 10. 0d li kien dovut lilu rigward l-imsemmi żmien li kien jonqos ta' avviż, jiġifieri ġimgħatejn;

Rat il-verbal tal-11 ta' Awissu 1961, reġistrat mill-Ewwel Qorti, fejn il-Prosekuzzjoni rrinunzjat għall-ewwel imputazzjoni, u fejn l-imputat eċċepixxa li fit-3 ta' Marzu l-imsemmi Pace spiċċa minn "learner" u beda mpjeg ġdid, u li għalhekk hu kellu d-dritt jillicenzjah bla pre-avviż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Awissu 1961, li biha ddikjarat il-proċediment estint dwar l-ewwel imputazzjoni, u sabet lill-imputat mhux ħati fuq it-tieni mputazzjoni, u ordnat li jiġi liberat;

Rat ir-rikors tal-Prosekuzzjoni li bih appellat mis-sentenza fuq imsemmija, u talbet li tiġi riformata, fis-sens li tiġi konfermata fejn iddikjarat il-proċediment eżawrit kwantu għall-ewwel imputazzjoni, u li tiġi revokata fejn sabet lill-imputat mhux ħati tat-tieni mputazzjoni, billi, inveċe, tiddikjarah ħati skond dik l-imputazzjoni u tikkundannah għall-piena xierqa skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Is-sentenza "de qua" hi appellabbli; għaliex hemm fiha nterpretazzjoni ossija ipotesi tal-liġi li l-Prosekuzzjoni ssostni li hi errata;

Din il-Qorti wara li rriflettiet fuq il-każ, waslet għall-konklużjoni, bir-rispett kollu għall-ewwel ġudikant, li l-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza appellata mhijiex konsona mal-liġi;

Jiġi osservat, "in puncto legis", li r-raġuni li għaliha, fid-definizzjoni ta' "learner" kontenuta fl-Att XI tal-1952, ma hemmx imsemmi li hu għandu "render service to or do work for an employer", ma hix għaliex il-"learner" ma jagħtix servizz lill-"employer", imma għaliex għall-finijiet tad-definizzjoni ma kienx neċessarju li dan jingħad. Del resto, id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dak l-Att juru, "passim", li anki l-"learner" jagħmel xogħol, ossija jagħti servizz lill-"employer"; *għaliex il-lokuzzjoni fihom* ripetutament użata għar-rigward ta' "learner" ma tistgħax ħlief tfisser daqshekk, fost dawn l-inċiż (k) tal-art. 13, fejn hemm "concludenter" il-kliem testwali "to render service to his employer". Interpretazzjoni diversa tkun skorretta, għaliex "corrodit viscera textus'. L-att XI tal-1952 jeskluda biss "an agreement of apprenticeship" mid-definizzjoni ta' "contract of service"; u ma hux leċitu li dik l-eċċezzjoni tiġi estiża;

*Għalhekk, l-appell tal-Prosekuzzjoni hu fondat;*

Per konsegwenza, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, fis-sens li tiddikjara lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni; u wara li rat l-art. 25 u 30 tal-Att XI tal-1952, tikkundannah għall-piena tal-multa ta' £5, u tordnalu wkoll iħallas lil Joseph Pace s-somma ta' £9. 10. 0d li hi dovuta lill-istess Joseph Pace in relazzjoni għaż-żmien li kien jonqos tal-pre-avviż;

U hekk ipprovdiet għall-appell.